MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1033/2012

**L-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Gordon McCarthy**
**(Passaport Brittaniku Numru 050106366)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu l-Awtorita` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-intimat ghamel uzu mill-irmigg fil-marina gestita mill-Awtorita` rikorrenti billi rabat il-*yacht* tieghu "Welsh Princess" fil-facilita` li ghandha fil-gnien tal-Gzira, il-Gzira;
2. Illi konsegwentement l-intimat McCarthy ghandu jaghti lill-Awtorita` rikorrenti l-ammont ta' hmistax

–il elf u ghaxar Ewro u ghaxar centezmi, (€15,010.10), kif ahjar deskritt fl-istess rikors fuq riferit;

3. Illi *nonostante* li l-intimat gie regolarment interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha tigi ntavolata l-procedura *odjerna*;

4. Illi *in vista* tal-premess, l-Awtorita` rikorrenti kienet kostretta taderixxi din il-qorti u konsegwentement talbitha biex:

i. Tiddikjara lill-intimat fuq indikat debitur tal-imsemmija Awtorita` rikorrenti fis-somma gia` fuq indikata;

ii. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas l-imsemmi ammont lill-Awtorita` *de quo*;

iii. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat;

Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha esebita;

Rat li l-intimat gie debitament notifikat skont il-ligi;

Rat li *nonostante* dan, baqa’ fi stat ta’ kontumacja;

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament ix-xhud prodott mill-Awtorita` rikorrenti kkonferma l-fatti kif fuq esposti;

Illi ghalhekk sintetikament jirrizulta assodat is-segwenti:

1. Illi l-intimat hu s-sid tal-yacht “Welsh Princess”;

2. Illi l-imsemmi *yacht* jinsab irmiggat fil-Gnien tal-Gzira, gewwa l-marina gestita mill-Awtorita` rikorrenti;

3. Illi l-ammont komplessiv mitlub mill-istess Awtorita` rikorrenti fuq gia` ndikat hu suddiviz bil-mod segwenti:

i. Erbatax –il elf erba’ mija u tmienja u disghin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€14,498.59), ghall-irmigg tal-imsemmi *yacht* ghall-perjodu bejn Jannar, 2011, u Dicembru, 2012;

ii. Hames mija u hdax –il Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€511.51), ghall-elettriku u ilma bejn April, 2011 u Gunju, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-Awtorita` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tilqa’ t-talbiet tal-Awtorita` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-intimat Gordon McCarthy debitur tal-Awtorita` Ghat-Trasport f’Malta fl-ammont komplessiv ta’ hmistax –il elf u ghaxar Ewro u ghaxar centezmi, (€15,010.10), kif fuq deskritt;

2. Tikkundanna lill-istess intimat McCarthy biex ihallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lill-Awtorita` fuq ukoll indikata;

3. Bl-ispejjez kontra l-istess intimat McCarthy inkluzi dawk tal-mandat t’arrest ta’ bcejjec tal-bahar kif riferit fir-rikors guramentat promotur u, bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta’ kull fattura sal-effettiv pagament.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------